MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 431/2006

**Kunsill Lokali Ghaxaq
Vs
Anthony Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-Kunsill Lokali li talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta’ tmien mija hamsa u disghin lira (Lm895), rappresentanti danni sofferti mill-Kunsill attur, kawza ta’ incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta’ Lulju, 1998, tort unikament tal-konvenut u dan wara li nstab hati ta’l-istess incident permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Sede Kriminali) tat-3 ta’ April, 2001;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut;

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa preliminarjament zewg eccezzjonjiet preliminari – illi t-talba attrici hija preskritta skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' t-talbiet attrici in kwantu tali gurisdizzjoni hija vestita esklussivament fil-procedura ta' l-Arbitragg;

Ra x-xhieda ta' Anthony Borg, Emmanuel Vassallo, l-Ispettur Walter Spiteri;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

It-Tribunal sejjer fl-ewwel lok jezamina t-tieni eccezzjoni u cioe' dik li tikkoncerna l-gurisdizzjoni tat-Tribunal, ghaliex jekk it-Tribunal jilqa' t-tieni eccezzjoni, m'hemmx lok biex tigi kkunsidrata l-ewwel eccezzjoni;

Mill-provi li gew prodotti quddiem dan it-Tribunal jirrizulta li fl-4 ta' Lulju, 1998, kien hemm incident awtomobilistiku fejn Van bin-numru ta' registrazzjoni DAS 231, misjuqa mill-konvenut, tilef il-kontroll, baqa' diehel dritt go funtana fit-traffic island li tinstab fil-bypass ta' Hal Ghaxaq, bil-konsegwenza li kisser totalment il-funtana u kkaguna il-mewt ta' huh;

Is-Sindku ta' dak iz-zmien Joseph Abdilla sahaq li d-danni kkagunati lill-funtana kienu jammontaw ghal elf, tmienja u ghoxrin lira Maltin, wiehed u disghin centezmu (Lm1028.91). Ikkonferma li l-Kunsill kien assikurat ma' AON Insurance Brokers;

GURISDIZZJONI

Sabiex dan it-Tribunal jiddetermina jekk ghandux jkompli jezercita l-gurisdizzjoni tieghu f'dan il-kamp jew le ser jezamina b'reqqa d-disposizzjonijiet tal-ligi relattivi li jhoss li japplikaw ghal dan il-kaz;

L-Artikolu 3(2) Tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe l-Att Dwar Tribunal ghat-Talbiet Zghar jikkontempla l-gurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal:-

*“Bla hsara ghas-subartikolu (5) (i.e rikuzi ecc), it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma’ u jaqta’ biss it-talbiet kollha ta’ flus ta’ ammont ta’ mhux izjed minn elfejn????????? u hames mitt lira.”*

L-Artikolu 10 (3) ta’l-Att Dwar l-Arbitragg, Kap.387 tal-Ligijiet ta’ Malta jikkontempla l-materji li ghandhom jaqqghu that arbitragg;-

*“Il-grupp ta’ arbitragg domestiku jistghu jinhatru dwar hwejjeg li ghandhom x’jaqsmu ma’………kollizzjoni tat-traffiku…..”*

Il-posizzjoni tat-Tribunal ticcara ruhha aktar meta jidhol fl-isfond tal-ligi li tirregola l-incidenti awtomobilistici. Meta in-natura tal-kaz tirrigwarda incident stradali dejjem qedghin fil-kamp civili, pero’ l-legislatur ha posizzjoni f’dawk li huma proceduri li ghandhom jittiehdu ghal danni;

Il-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe l-Ordinanza Dwar l-Assikurazzjoni ta’ Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta’ Terzi Persuni, tiddentifika min jista’ jkun l-“parti offiza (i.e. the injured party|), f’dan il-kaz il-Kunsill ta’ Hal Ghaxaq:-

*“”parti offiza” tfisser kull min ikollu jedd ghal kumpens dwar telf jew feriment kagunat minn vettura bil-mutur.” – Art.2*

L-istess Artikolu 2 jiddefinixxi t-tifsir tal-kelma “triq” – *triq, sqaq, pjazza, fortifikazzjoni jew post iehor ta’ moghdija ghal pubbliku.”*

L-istess Att jipprovdi l-proceduri li ghandha ssegwi l-assikurazzjoni meta jkun hemm sentenza u f’dan il-kuntest l-Artikolu 10(8) jikkontempla s-segwenti:-

*"Kull riferenza f'dan l-Artikolu ghal xi decizjoni jew sentenza ghandha titqies li tinkludi riferenza ghal lodi ta' arbitragg maghmul taht l-Att Dwar l-Arbitragg u wiehed miksub that l-Atikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u kull riferenza ghal xi azzjoni jew ghal procediment ghandha titqies li tinkludi riferenza ghal procediment ta' arbitragg u ghal dak l-Artikolu 166 A taht dak l-Att."*

Ma hemmx dubbju ghalhekk li jekk dan it-Tribunal ikompli jisma' dan il-kaz ser imur oltre dik li hija l-gurisdizzjoni tieghu ghaliex il-Kunsill kellu d-dmir li jiftah proceduri ta' arbitragg, minkejja li hija kawza ta' danni, pero' kif jammetti l-istess Kunsill, il-kawza tad-danni hija konsegwenza ta' incident awtomobilistiku. F'dan il-kaz, il-Kunsill safa' bhala l-"parti offiza," meta l-funtana li kien hemm f'centre strip fil-by pass ta' Hal Ghaxaq, spiccat mkissra b'certu hsarat sostanzjali meta l-vettura misjuqa mill-konvenut tilfet il-kontroll u baqghet tiela' fuq ic-centre strip;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa' it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u jaqta' u jiddeciedi li ghandhu jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-avviz u jordna l-kancellament ta' din il-kawza minn fuq il-lista.

Spejjes a karigu tal-Kunsill.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------